# Kampjonat 1956-57

# Iċ-champions Sliema W. jibdew id-difiża tat-titlu b'rebħa tajba

## L-Ewwel Ġurnata

**06-10-1956:**
**Marsa FC – Hibernians FC 1-1**
**H.T 0-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: F. Church (H) 53' u o.g L. Attard (M) 65'.**
**Att: 2,441**

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Frans Hole, Ernie Glynn, Nenu Fabri, Frans Borg, Edward Azzopardi, Anthony 'L-Iskitu' Spiteri, Carmel 'Is-Suldat' Spiteri, Fredu 'Steak' Abela, Vidal, Willie Bowerman.

*Hibernians FC*: Edwin Gili, Colin Tabone, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Louis Theobald, Fred Barry, Sunny Anastasi, Charlie 'Kinnie' Schembri, Maurice Vella Borg, Fredu Church, Leli Sultana, Dwinu Tagliaferro.

1. Il-goalkeeper Salvu Alamango ta' Marsa jiġi ħu l-plejer promettenti Żarenu Alamango ta' Floriana. Missierhom, Ġużè kien plejer ta' Floriana fis-snin għoxrin u tletin. Fis-snin tmenin, it-tradizzjoni fil-familja kompliet meta iben Żarenu, Tony Alamango kien lagħab fil-Kampjonat Premier mal-klabb Furjaniż.

2. Toni Spiteri 'L-Iskitu', irritorna għall-futbol tal-Ewwel Diviżjoni ma' Marsa FC. Fil-passat huwa kien lagħab ma' Hibernians. Akkwisti oħra ta' Marsa kien taż-żagħżugħ Vidal li huma akkwistaw mingħand Msida, Frans Borg mingħand Ħamrun Spartans, Frans Hole mingħand St. Patrick filwaqt li l-plejer tagħhom Willie Bowerman, ex-Floriana, irritorna Malta wara sena msiefer.

3. Eżatt wara din il-partita, intlagħbet il-partita bejn Malta XI u Uganda li t-tim Malti rebaħ bl-iskor ta' 4-0.

**07-10-1956:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 3-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: N. Calleja (S) pen. 15', S. Schembri (S) 30' u T. Nicholl (S) 71'.**
**Att: 4,571**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Robbie Buttigieg, Salvinu Schembri, Joe 'Jockey' Xuereb, Sammy Nicholl, Tony Nicholl.

*Rabat FC*: Anthony Micallef, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Frank Camenzuli, Johnnie 'Zikizokk' Azzopardi, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Peter 'Il-Glorja' Micallef.

1. Rabat kienu qed jilagħbu mingħajr tlieta mill-aqwa plejers li kellhom fl-istaġun ta' qabel meta Joe Cilia u l-goalkeeper Albert Zarb Cousin sieħbu lil Valletta FC filwaqt li s-centre-half Aquilina ddeċieda li jieqaf mill-futbol. Magħhom kważi tilfu lill-attakkant Pawlu Said li wera x-xewqa li jiċċaqlaq qabel ma persuna prominenti fir-Rabat ikkonvinċietu jibqa' mal-Magpies.

2. Il-left-half promettenti Romeo Agius sieħeb lil Rabat FC mingħand Mosta. Huwa kien ħalla mpressjoni tajba mat-tim Malti tal-U/20. Rabat kienu għelbu l-konkorrenza ta' Valletta u Ħamrun Spartans li wkoll kienu qed juru nteress fil-plejer. Akkwist ieħor ta' Rabat kien ta' Frank Camenzuli li huma akkwistaw mingħand Balzan Youths sabiex jimla' il-vojt li ħalla Joe Cilia.

3. Sliema Wanderers tilfu is-servizzi tal-wing-half tagħhom Karm Borg li sieħeb lil Valletta FC. Karm Borg aktar tard kellu karriera sabiħa bħala kowċ fejn kien anke mexxa lit-tim nazzjonali Malti. Il-Wanderers tilfu wkoll lill-goalkeeper regolari tagħhom Ray Cosby li kien jinsab l-Ingilterra fejn kien anke qed jittrenja ma' Leicester City. Għaldaqstant il-Wanderers kienu qed ifittxu goalkeeper ieħor fejn kienu nteressati fl-akkwist tal-goalkeeper ta' Vittoriosa Stars Godwin Cassar li fil-passat kien anke fuq il-kotba tal-istess Sliema.

4. Sliema Wanderers taħt il-gwida tal-Physical Trainer Jock Gilmour kienu diġà fetħu l-istaġun bir-rebħ tal-Cassar Cup meta ġimgħa qabel din il-partita, fit-30 ta' Settembru 1956, huma kienu għelbu lil Ħamrun Spartans 5-0 fil-Final tal-Cassar Cup b'hat-trick ta' Sammy Nicholl u gowl kull wieħed minn 'Jockey' Xuereb u Robbie Buttigieg. B'hekk il-Wanderers għalqu ħalq xi kritiċi li kienu qed jargumentaw li Sliema fl-istaġun ta' qabel ma kienux rebħu l-Quadruple Crown minħabba li l-Cassar Cup li rebħu f'Settembru 1955, kienet tappartjeni l-istaġun 1954-55 meta l-Cassar Cup ma kinetx saret, u kienet din il-Cassar Cup ta' Settembru 1956 li kienet tappartjeni l-istaġun ta' qabel 1955-56. Biex il-kobba tkompli titħabbel fiż-żewġ okkażjonijiet Sliema irċevew il-Miniature Cup u l-midalji bis-sena 1955 minquxa fuqhom.

**13-10-1956:**
**Birkirkara FC – Valletta FC 3-3**
**H.T 3-0**
**Ref: George Bonello**
**Skurjaw: Ġ. Pisani (B) 15', P. Carbonaro (B) pen. 21', L. Saliba (B) 41', N. Mackay (V) pen. 59' u 65' u o.g J. Gatt (V) 90'**
**Att: 3,136**

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, John Gatt, Frans Cassar, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Norman Bell, Frans 'Il-Lula' Bonnici, Joseph Farrugia, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Pawlu 'Polly' Carbonaro.

*Valletta FC*: Pawlu Montebello, Joe Agius, Edwin 'Dwinu' Schembri, Joe 'It-Tichy' Grech, Joe Cilia, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Sunny Curmi, Josie Urpani, Mario Azzopardi, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

1. Valletta FC akkwistaw żewġ plejers li fl-istaġun ta' qabel kienu fuq il-kotba ta' Rabat FC – id-difensur promettenti Joe Cilia u l-goalkeeper Bertu Zarb Cousin. Huma kienu mistennija jsaħħu d-difiża Beltija wara li fil-kampjonat ta' qabel Valletta kienu sofrew 25 goal – wieħed inqas minn Vittoriosa Stars li kienu sfaw relegati.

2. Valletta kellhom ukoll bi prova magħhom plejer Franċiż, Claude Lambert, li ftit ħalla mpressjoni tajba fil-friendlies u ġie rilaxxat. Żewġ plejers oħra ta' Valletta li ma baqgħux magħhom kienu Albert Lewis u Frans Cardona li sieħbu lil St. Patrick FC.

2. Birkirkara akkwistaw lill-plejer George Dalli mingħand Floriana FC, filwaqt li ċedew lil Bertie Agius lil Gżira United FC.

3. Mario Azzopardi ma setax ikollu debutt aħjar ma' Valletta FC meta kien fuq xutt tiegħu li nkiseb draw drammatiku ta' 3-3 meta l-ballun ħabat mad-difensur Johnnie Gatt u spiċċa fix-xibka. Id-devjazzjoni però kienet waħda strumentali biex seta' jasal il-gowl meta l-goalkeeper Rizzo kien diġà nxteħet in-naħa l-oħra tal-lasta. Azzopardi, li kien għad irid jagħlaq 16-il sena, fid-29 ta' Diċembru, fl-istaġun ta' qabel kien jilgħab

ma' Valletta Rovers. F'dak iż-żmien hu kien magħruf bħala Victor Azzopardi.

4. Tmien minuti mit-tmiem tkeċċew Nenu MacKay ta' Valletta u George Dalli ta' Birkirkara wara li ġew fl-idejn. Il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA kien issospenda lil George Dalli żewġ partiti u mmultah £1 filwaqt li ssospenda lil Nenu MacKay partita waħda u mmultawh £2.

5. Birkirkara FC daħħlu rapport quddiem l-MFA li partitarji ta' Valletta FC matul il-partita waddbu ġebel fid-direzzjoni tal-plejers tagħhom u anke lejn ir-referee.

6. Il-plejer ta' Birkirkara FC Leli Saliba 'Il-Likku' fit-8 ta' Novembru, 1956, kien weħel ħames xelini fil-Qorti tal-Maġistrati għal imġieba mhux xierqa waqt din il-partita.

nieqes għall-Ispartans wara li kien għamel operazzjoni fl-Isptar ta' Bighi biex ineħħi xi frak tal-għadam mill-irkoppa. Huwa kien diġà tilef iż-żewġ logħbiet tal-Cassar Cup. Aktar tard Psaila kellu differenzi mal-klabb tal-Ispartans u spiċċa biex ma lagħab xejn f'dan l-istaġun.

6. Għal din il-partita Carmelo Grech 'In-Nene' lagħab fil-pożizzjoni insolita ta' centre forward minflok Gejtu Psaila, fejn Grech is-soltu kien jilgħab f'nofs id-difiża tal-Ispartans.

7. Il-goalkeeper Ġużi Alamango ma kienx qed jinżel għat-training ma' Floriana minħabba differenzi mal-klabb. Minfloku daħal jilgħab il-goalkeeper Edwin Zammit li fl-istaġun ta' qabel ma kienx lagħab minħabba li kien ġie sospiż għal sena mill-MFA minħabba li ffirma ma' żewġ klabbs.

8. Anke l-klabb ta' Ħamrun Spartans kellhom problemi mal-goalkeeper regolari tagħhom Ġużi Bonnici 'Il-Yumi' meta skond il-ġurnal 'The Bulettin' huwa kien talab lill-klabb sabiex jiġi nxurjat bl-Ispartans ma jilqgħux it-talba tiegħu.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC u Floriana FC 2 pti.; Marsa FC, Hibernians FC, Valletta FC u Birkirkara FC 1 pt., Rabat FC u Ħamrun Spartans FC 0 pti.

L-Aqwa Skorers: N. Mackay (Valletta FC) 2 goals.

**14-10-1956:**
**Floriana FC – Ħamrun Sp. FC 2-0**
**H.T 1-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skurjaw: T. Cauchi (F) 30' u C. Bennetti (F) 47'.**
**Att: 6,712**

*Floriana FC*: Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Ġużi Bennetti, Tony Dalli, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Pullu 'Il-Koku' Demanuele, Charlie 'In-Najsu' Bennetti.

*Ħamrun Sp. FC*: John Chetcuti, Salvu Azzopardi, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Louis Bonello, Freddie Falzon, Franġisku 'Il-Mutu' Formosa, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Carmelo 'In-Nene' Grech, Victor Grima, Joe Ebejer.

1. Dr. Benny Camilleri LL.D, M.L.A ex-plejer tat-tim Furjaniż miż-żmien tal-Ajax inħatar president tal-klabb Furjaniż.

2. Floriana FC kienu għadhom mingħajr il-plejer tagħhom Joe Cini li kien fuq prova ma' Leyton Orient fl-Ingilterra. Kemm il-manager ta' Leyton Orient, Alec Stock, kif ukoll il-kowċ, Joe Mallett, it-tnejn kellhom kliem ta' tifħir fuq il-plejer Malti u xtaquh jibqa' magħhom iżda l-plejer Malti kien qed iħoss in-nuqqas tal-ħbieb u l-qraba f'Malta u kien ġie lura lejn Malta aktar tard. (Cini kien reġa' mar ma' Leyton Orient meta ntemm dan il-kampjonat).

3. Plejer ieħor nieqes għal Floriana kien Charlie Brincat li tlitt ijiem wara din il-partita kien daħal għall-operazzjoni tal-cartilage fl-Isptar King George V (illum Sptar Pawlu Boffa).

4. Iż-żewġ naħat kienu diġà ltaqgħu f'dan l-istaġun meta fis-semifinali tal-Cassar Cup, l-Ispartans kienu għelbu lil Floriana 2-1 b'wirja kbira tal-goalkeeper tagħhom Gejtu Busuttil 'Il-Buras'. B'sorpriża għal dan il-konfront, l-Ispartans taw id-debutt lill-goalkeeper tal-Minors John Chetcuti. Plejer ieħor li kien qed jiddebutta mal-Ispartans kien Louis Bonello li ngħata l-inkarigu diffiċli li jimmarka lil Tony Cauchi.

5. Gejtu Psaila 'Il-Ħaċċa' kien għadu

## AĦBARIJIET

Fil-Laqgħa Ġenerali ta' Rabat FC tat-23 ta' Ġunju, 1956, kien ġie deċiż li jittieħdu passi legali kontra l-plejers Joe Cilia u Bertu Zarb Cousin wara li dawn sieħbu lil Valletta FC. Kien ġie deċiż ukoll li ż-żewġ plejers jiġu rrappurtati lill-Kunsill tal-MFA.

Fis-7 ta' Settembru, 1956, tħabbar li Tony Nicholl ta' Sliema Wanderers ingħata l-unur ta' Footballer of The Year tal-istaġun 1955-56. Din kienet l-ewwel sena li fiha kien qed jingħata dan l-unur. F'kompetizzjoni ma' Tony Nicholl għar-rebħ tal-unur kien hemm Ġużi Bonnici ta' Sliema Wanderers ukoll, il-captain ta' Ħamrun Spartans George Jones u Pullu Demanuele ta' Floriana.

L-istaġun tal-futbol, 1956-57, infetaħ fis-16 ta' Settembru, 1956, bil-partita mir-Round Preliminari tal-Cassar Cup bejn Birkirkara u Hibernians wara li fil-kampjonat ta' qabel iż-żewġ timijiet kienu spiċċaw b'punti ndaqs fir-raba' post. Birkirkara kienu rebħu l-partita 1-0 b'gowl ta' Frans Bonnici 'Il-Lula' biex kisbu post fis-semifinali tal-kompetizzjoni.

Fil-21 ta' Settembru, 1956, il-player ta' Ħamrun Spartans Gejtu Psaila 'Il-Ħaċċa' kien ġie operat b'suċċess fl-isptar ta' Bighi fejn kien tneħħielu frak tal-għadam minn irkopptu. Huwa xorta kien ser ikun nieqes mit-tim tal-Ispartans wara li flimkien ma ħuh Romeo Psaila, it-tnejn riedu r-release biex isieħbu klabb ieħor.

Avviż fuq il-ġurnal *il-Berqa*, informa lill-plejers li kienu ġew magħżula biex, fis-6 ta' Ottubru, jilagħbu ma' Malta kontra l-Uganda sabiex iġibu l-ħwejjeġ magħhom (shorts abjad). L-MFA kienet ser tipprovdi l-flokk aħmar. Il-partita li ntlagħbet fis-6 ta' Ottubru, 1956, intrebħet mit-tim Malti 4-0 b'gowls minn Pullu Demanuele 20', Lolly Borg 65', Pullu Demanuele 73' u Lolly Borg 83'. Ħafna mill-plejers tal-Uganda lagħbu mingħajr żarbun. Nieqsa mit-tim Malti kien hemm il-plejers ta' Sliema Wanderers minħabba li kellhom logħba tal-kampjonat ġurnata wara. L-Uganda qabel ġew Malta kienu lagħbu tliet partiti oħra ta' ħbiberija fl-Ingilterra fejn tilfu darbtejn bl-iskor identiku ta' 10-1 kontra Wycombe Wanderers u Athenian League XI iżda b'sorpriża kienu għelbu lil British Olympic XI 2-1. Il-vjaġġ tal-Uganda lejn Malta kien ittardja b'sagħtejn wara li l-ajruplan li kienu ser jivvjaġġaw bih lejn Malta ħabat ma' karozza fl-ajruport ta' Nizza.

Fuq l-istess partita bejn Malta u Uganda, il-ġurnal *Leħen is-Sewwa* kien awtur ta' kummenti pjuttost razzisti. Ir-rapport tal-partita fost oħrajn kien jgħid: "Il-goalkeeper Peagram deher batut fil-ħatfa tal-ballun u jiddispjaċina għalih għax bħala abjad ma kienx qed jagħmel unur lir-razza tagħna." Jiġifieri, li kieku kien iswed bħall-oħrajn konna nieħdu pjaċir?

Birkirkara FC kienu għamlu pressjoni qawwija sabiex tingħata l-maħfra lil Leli Borg 'Id-Dijju' wara li dan kien weħel sospensjoni għal għomru meta sitt xhur qabel, fil-partita tal-25 ta' Marzu, 1956, kien xejjer daqqa ta' sieq lir-referee Edward Agius waqt il-partita Sliema – Birkirkra (5-2). Għal dan il-għan Birkirkara kienu sejħu għal Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-MFA wara li ġabru l-firem ta' żewġ terzi tal-klabbs tal-Ewwel u tat-Tieni Diviżjoni kif kienet titlob Rule 20 tal-Istatut tal-MFA. Fil-fatt kienu Rabat FC u Żebbuġ Rangers biss li ma ffirmawlhomx.

Waqt din il-Laqgħa Ġenerali Straordinarja li kienet saret fit-8 ta' Ottubru, 1956, kienu nstemgħu wkoll l-każi ta' tmien players oħra li kollha talbu l-maħfra minn sospensjoni għal għomorhom – seba' kienu sawtu lil referee, wieħed kien inxtara u l-ieħor insulta lill-President tal-MFA – iżda l-MFA ma kienitx f'burdata ta' rigali meta t-talbiet tagħhom għall-maħfra kollha kienu ġew irrifjutati. Fil-fatt kellhom jgħaddu sentejn oħra qabel ma Leli Borg kien ingħata l-maħfra u rritorna għall-futbol.